SAN LAWRENZ

Il-minuti tat-tmintax il-laqgha li nzammet nhar l-Erbgha 27 ta' Frar 2013 fit-8:15 ta' filghodu fl-ufficju tal-Kunsill.

Prezenti:

Sindku: Anthony Formosa

Vici Sindku: Anthony Cassar

Kunsilliera: Michelina Mercieca
John Mercieca
Rose Vella

Segretarju Ezekuttiv: Lucienne Haber

1.0 Il-laqgha nbdiet b'talba u giet ippreseduta mis-Sindku Anthony Formosa.

2.0 Inqraw il-minuti tal-laqgha ta' qabel u gew ikkonfermati.

**3.0 Inawgurazzjoni tal-Interpretation Centre tad-Dwejra**

3.1 Is-Sindku rrefera ghall-fatt li l-inawgurazzjoni tal-progett tal-Interpretation Centre tad-Dwejra ser issir mill-Prim Ministru nhar it-Tlieta 5 ta' Marzu 2013 u tigi mbierka mill- kapillan tal-Parrocca Dun Nazju Borg. Sar qbil li ghal din l-okkazzjoni ghandna nordnaw xi riceviment zghir.

3.2 Is-Sindku rrefera ghal fatt li gie s-Sur Bruno Zava, li huwa d-designer tal-Progett Panacea, minn Sqallija minn spejjes tieghu stess sabiex jirranga d-dioramas tal-hut. Peress li huwa ma lahaqx ghamel dan kollu fil-perijodu li dam Malta, is-Sindku propona li l- Kunsill ghandu jhallas lilu u haddiem tieghu l-flight minn Trapani u lura u jumejn akkomodazzjoni biex jghinna f'dan ix-xoghol. Il-Kunsill qabel ma' dan.

3.3 Is-Sindku semma li sadanitant, peress li ghad ma ghandniex permess biex inpoggu generator, ser isir agreement bejn il-MEPA u s-sid tar-restaurant sabiex sakemm ikollna l-permess jintuza l-generator tieghu u jithallas tal-fuel mill-MEPA. Il-Mepa qed taqbel ukoll li lesta li taghmel agreement mal-Kunsill sabiex wara li jibda jiintuza l-generator tal-Kunsill, tibda thallasna hi tal-fuel. Saret referenza wkoll ghal-laqgha li saret mal_PPCD dwar dan il- progett u ghad-diskussjoni dwar jekk il-Kunsill jistax jaghmel introjtu kemm il-darba ma jaqbizx l-ispejjes tieghu ghall-ewwel hames snin wara l-progett.

## 4.0 Update dwar il-progett tal-pjazza

4.1 Is-Sindku rrefera ghall-progett tal-pjazza u ghal fatt li l-base tal-konkos jinsab lest. Ix-xoghol tal-pavimentar ser jibda minnufih peress li l-porfido ser jasal din il-gimgha.

## 5.0 Update dwar it-tender tal-isqaqien

5.1 Is-Sindku rrefera li x-xoghol issa miexi wara l-problemi kollha li nqalghu sakemm inghata l-permess tad-drenagg, tal-ilma u xoghol tal-Enemalta specjalment fi Sqaq Pawluzzu.

## 6.0 Ix-xoghol tal-hitan tas-sejjieh fi Triq Wied Merill

6.1 Is-Sindku rrefera ghax-xoghol li qed isir fil-hajt ta' Triq Wied Merill mis-sub contractor taht il-kumpanija Gatt Construction u ghad-diversi warnings li ntbaghtulu bil-miktub ghal fatt li mhux qed jimxi mad-dokument tat-tender. Ingibditlu l-attenzjoni sabiex ma juzax knaten, mhux qed jaghmel katina, mhux qed ihalli toqob u qed juza hafna gebel rqiq. Sar qbil li ghandna niccekjaw legalment dwar x'ghandu jsir f'dawn ic-cirkustanzi.

## 7.0 Il-kuntratt tal-gbir tal-iskart

7.1 Saret referenza ghall-fatt li l-Kunsill ikkuntatja lil kumpanija KIP, l-kumpanija li giet irrakkomandata mill-Bord tal-Ghazla, fejn talabha sabiex tikkunsidra r-rata globali ghat-tlett kunsilli flimkien dik ta' €136.30 kuljum biex tinqasam ghal-lokalita taghna permess tal- households rispettivi. Il-Kunsill propona, fuq qbil mal-Kunsilli l-ohra, li l-ammont ta' €76 jitnaqqas mir-rata globali u jinqasam ugwalment bejn it-tlett kunsilli li ijigi jammonta ghal €25.33 kull kunsill. Il-kumplament, jigifieri €136.30 – €76 = €60.30 ghandu jkun l-ammont li jinqasam skond il-households ta' kull lokalita'. B'hekk jirrizulta li San Lawrenz ghandu 25% tal-households globali u ghalhekk ghandu jhallas €15.07 ohra . B'hekk jirrizulta li l-Kunsill taghna ghandu jhallas €40.40 kuljum minflok dak ta €65.81 kif kwotat separament ghal kull kunsill.

7.2 Il-KIP accettat din il-proposta. F'dan ir-rigward il-kunsill qabel li ghandu jiffirma l-Kuntratt.

## 8.0 Tank ghal mal-generator tac-centru tad-Dwejra

8.1 Saret referenza ghal-htiega ta' tank akbar ghall-generator biex ma jkunx hemm il-

htiega li jimtela ta' spiss. L-ispiza ta' dan it-tank li huma kompatibbli mal-generator tammonta ghal €1700. Din l-ispiza hija eligibbli mill-fondi tal-progett. Il-Kunsill qabel li ghandu jinxtara dan it-tank.

**9.0 Materji ohra**

9.1 Sar qbil li ghandu jsir xi patching mat-tappieri tad-drenagg fi Triq il-Wileg.

9.2 Sar qbil ukoll li fil-laqgha li jmiss ghandna niddiskutu l-hrug mill-gdid tat-tender tas-servizz tal-open skips.

Il-laqgha ntemmet fid-9:45 ta' filghodu.

***Anthony Formosa***
***Sindku***

***Lucienne Haber***
***Segretarju Ezekuttiv***